# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2019

## Talba Numru 302/2018SFJ

***Joseph Calleja (91266M)***
***vs.***
***Joseph Camenzuli (830744M) u Daniel Camenzuli (233182M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu l-attur talab hekk:

> *Illi l-attur għamel diversi xogħlijiet kif rikjest u fuq struzzjonijiet tal-intimati, liema xogħlijiet għandhom prezz ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200).*
>
> *Illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu l-prezz hawn indikat, dawn baqgħu inadempjenti.*
>
> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-attur jitlob li dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) rappreżentanti prezz ta' xogħol esegwit lilhom.*
>
> *Bl-ispejjeż (inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Marzu 2018 numru 484/18) u bl-imgħax mid-data tal-fatturi relattivi sal-ħlas eventwali kontra l-konvenuti li qegħdin jiġu inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Ra r-Risposta tal-konvenuti ippreżentata fid-9 ta' Awwissu 2018 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

1. *Illi preliminarjament il-konvenut Joseph Camenzuli mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-attur u għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Joseph Camenzuli m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mal-attur.*

2. *Illi kull ammont dovut lill-attur ġie mħallas għas-saldu u m'hemm ebda ammont ieħor li jista' jkun dovut.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xogħol reż mill-attur kien difettuż u mhux skont is-sengħa u l-arti.*

4. *Illi inoltre, l-attur qatt ma ipprovda lill-esponenti b'riċevuti fiskali għall-pagamenti li huwa rċieva minkejja li r-rata miftiehma kienet tinkludi VAT.*

5. *Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.*

6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Settembru 2019.

**<u>Provi ppreżentati</u>**

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2018 xehed l-attur minn jeddu. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa xehed hekk:

- Hu u ħuh kienu għamlu xogħlijiet għall-konvenuti konsistenti fi tqegħid ta' madum u xogħol ta' konkos f'żewġ appartamenti f'San Ġiljan u f'Paċeville.

- F'appartament wieħed l-attur u ħuh għamlu xogħol fuq il-bejt madwar il-ħajt diviżorju u ċioe fuq l-opramorta. F'appartament ieħor qalgħu *shower* u reġgħu għamluha mill-ġdid.

- Hu tqabbad minn Joe Camenzuli. Meta sar ix-*shower*, Joe Camenzuli kien preżenti. Meta sar ix-xogħol fuq il-bejt, Joe Camenzuli ma kienx preżenti għax kien hemm l-għoli. Fuq il-bejt kienu telgħu t-tfal ta' Camenzuli u raw ix-xogħol lest. Dan ix-xogħol sar minn żewġ persuni u ħa tnax-il ġurnata u nofs. Fil-passat, l-attur kien ħadem għal Camenzuli u kien tħallas għal xogħlijiet fil-passat.

- Ma ġietx miftehma rata ta' xogħol *a priori*. Ix-*shower* kienet urġenti għalih u l-attur kien intalab jagħmilha malajr. L-attur u ħuh prontament telqu x-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu u marru jagħmlulu dik il-biċċa xogħol. Camenzuli eventwalment ma ħallasx għax ippretenda li jħallas b'rata orħos minn dik li talab l-attur. Camenzuli qatt ma lmenta mal-attur li x-xogħol ma sarx sewwa.

L-attur kompla jixhed fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2018, fejn xehed hekk:

- Kienu l-konvenuti li ltaqgħu miegħu fiżikament u wrewh ix-xogħol li riduh jagħmel. Hu aċċetta dan l-inkarigu. Din ma kinitx l-ewwel okkażjoni li l-attur ħadem għal Joseph Camenzuli. F'okkażjonijiet preċedenti, kien telaq' fuq il-bejt Daniel Camenzuli minflok missieru Joseph. Ix-xogħol ta' fuq il-bejt kien perikoluż għax kien hemm xi *skylights* u x-xogħol meħtieġ kien jirrigwarda l-ħitan diviżorji mad-dawramejt tal-bejt, inkluż l-opramorta, sabiex meta jitwaħħlu l-i*skylights* ma jkunx hemm dħul ta' ilma.

- Ix-xogħol kien jinkludi t-tqegħid ta' konkos fil-*bricks* tal-opramorta. Fuq naħa kien hemm ħames sulari u fuq naħa oħra kien hemm tlett sulari. Għalhekk, hu kellu jarma żewġ sulari fl-arja. Għal dawn ix-xogħlijiet kien preżenti Joseph Camenzuli.

- Il-materjal għax-xogħlijiet inġieb mill-konvenuti. Kien hemm xi materjal li kien ittella' b'*lifter* u materjal ieħor ittella' bl-idejn u tħalla żewġ sulari 'l isfel. Anki meta xi drabi ntuża *tower crane*, il-materjal tħalla sular 'l isfel u kellu jittella' bl-idejn. Il-ġarr dejjem sar bis-slielem. L-attur, li għandu 53 sena, ilu jagħmel dan it-tip ta' xogħol minn meta kellu 16-il sena.

Fl-istess seduta xehed Mario Calleja (725958M), li jiġi ħu l-attur. Hu xehed hekk:

- Hu u ħuh jagħmlu xogħol ta' tqegħid ta' madum u jaħdmu bi sħab bejniethom. Meta Joseph Calleja ngħata l-inkarigu, Mario ma kienx preżenti. F'appartament fi Triq Frost f'Paċeville saru xogħlijiet li Joseph Camenzuli ried li jsiru malajr. Dan kien jikkonsisti f'li jinqalgħu xi affarjiet kif ukoll il-kolla, l-adeżiv u tajn. Mario u ħuh neħħew il-madum u għamlu madum ġdid. Huma ħadmu wkoll f'xi appartamenti tat-tfal ta' Joseph Camenzuli li skont ix-xhud, jinsabu fi Triq San Ġorġ f'Paċeville. Pero għal dan ix-xogħol kienu tħallsu. Inoltre, riedu jiffurmaw, bil-madum, diversi *skylights* fuq il-bejt. Ix-xhud kompla jixhed li skont il-memorja tiegħu, sar xogħol fuq erba' (4) *skylights*.

- Ix-xhud qal li biċċiet mill-i*skylights* kienu inklinati u riedu jinvellawhom. Kellhom jimlew il-*bricks* tal-opramorta għax kienu vojta sabiex imbagħad jagħmlu l-madum fuqhom. Dan ix-xogħol kollu ħa tnax-il ġurnata u nofs. Joseph Camenzuli kien mar jara x-xogħol meta sar ix-xogħol fuq ix-*shower*. Fuq il-bejt kien jitla' ibnu. Calleja xehed li l-konvenut qatt ma qalu xejn lilu jew lil ħuh dwar xi kwistjonijiet li seta' kien hemm, la meta sar ix-*shower* u lanqas meta sar il-bejt. Sa fejn kien jaf hu, qatt ma saru lmenti.

- Calleja xehed li ma kienx hu li ftiehem ma' Camenzuli u allura ma kienx jitkellem miegħu hu. Proprjament, Mario Calleja ma kien jaf xejn dwar il-ftehim għax imbagħad, huma baqgħu ma tħallsux. Kien jaf biss bil-kwistjoni għax qallu ħuh. Mario xehed li kien ilu iktar minn 42 sena jagħmel dan it-tip ta' xogħol.

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2019 xehed il-Perit Lino Cachia, prodott mill-attur. Fix-xhieda tiegħu, Cachia irrefera għad-dokument LC1 ippreżentat minnu (fol. 23) u qal li f'dan id-dokument, huwa spjega d-differenza bejn xogħol ta' *labourer* li ma kellux bżonn sengħa u xogħol aktar professjonali bħal dak ta' mastrudaxxa jew *electrician*. Rigward rati applikabbli, Cachia xehed li huwa ibbaża l-kalkoli tiegħu fuq rata ġjornaliera.

Fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2019 sar il-kontro-eżami ta' Mario Calleja. Fil-kontro-eżami, hu xehed hekk:

- Ma kien jaf xejn dwar il-ftehim li sar bejn ħuh Joseph u l-konvenuti. Għalkemm Mario kien jaħdem għal rasu, ġieli ħadem ma' ħuh.

- Calleja qal li ħadem jumejn u nofs l-appartament ta' Joseph Camenzuli u tnax-il ġurnata u nofs fl-appartamenti l-oħrajn. Eżattament wara, huwa qal li għamel tnejn u għoxrin (22) ġurnata xogħol oltre l-jumejn u nofs.

- Mario Calleja ħadem inqas minn ħuh u ma jafx kif ħuh wasal għall-ammont mitlub f'din il-kawża iżda qal li ġeneralment, ir-rata għal persuna li taħdem waħedha hija bejn mija u għoxrin Ewro u mija u erbgħin Ewro kull ġurnata.

- Dwar l-opramorta, Calleja qal li kien hemm waħdiet mimlijin bil-ġebel. Il-bqija mlewhom hu u ħuh imbagħad qiegħdu l-konkos u l-madum fuqu.

- Rigward *tower crane*, Calleja xehed li ħlief għal *tower crane* li ntuża biex tittella' ħġieġa ta' bieb kbir, ma ntuża ebda *tower crane*.

Fl-istess seduta sar ri-eżami ta' Mario Calleja fejn dan ippreċiża li saru jumejn u nofs xogħol fuq il-*bathroom* u għoxrin jum fuq xogħlijiet oħrajn fuq il-bejt. Dawn l-ammonti ta' ġranet kienu jirreferi kemm għal Mario Calleja kif ukoll għall-attur. B'kollox, ix-xogħol fuq il-bejt ħa 22 ġurnata. Ix-xhud enfasizza li kien l-attur li żamm nota ta' kemm inħadmu ġranet.

Il-konvenuti ippreżentaw nota b'diversi affidavits u dokumenti (fol. 32 sa 52). Hemm affidavits ta' David Camenzuli, Daniel Camenzuli, Joseph Camenzuli, Christina Camenzuli, tal-Perit Darren Sciberras u ta' Jimmy Casha. Hemm ukoll dikjarazzjoni maħlufa ta' Kurt Farrugia (direttur tad-ditta *Alutrust*).

Permezz ta' affidavit, David Camenzuli qal li l-ftehim relattiv sar bejnu u bejn l-attur biss. Il-ftehim kien sabiex l-attur jagħmel madum fl-appartament tiegħu, *feature wall* fl-appartament ta' ħuh Daniel Camenzuli, madum f'appartament ieħor fi blokk jismu *Bayside Lodge* fi Triq Ross (San Ġiljan) u madwar tnax-il metru kwadru ta' madum fuq l-opramorta fuq il-bejt tal-appartament fil-blokk *Baybreeze*. Calleja qal li kien ser iżomm flus bir-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull metru kwadru li kienet tinkludi l-materjal ukoll u t-taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*). Minkejja dan, Calleja qatt ma tah riċevuti fiskali. Din ir-rata kienet l-unika rata ikkwotata. Qatt ma sar ftehim dwar ħlas bil-ġurnata.

David Camenzuli kompla jgħid li l-materjal ittella' kollu permezz ta' *tower crane* u permezz tal-*lift*. Ma kienx minnu li kellhom jintużaw slielem għall-ġarr u li l-attur u ħuh ġarru xi affarjiet huma stess. Il-*lift* kien jitla' sal-bejt għax kien sar *roof garden*. Dan kien kuntrarju għal dak li kien qal Mario Calleja li qal li t-*tower crane* intuża biex tittella' ħġieġa ta' bieb kbir.

Ix-xogħol kollu fl-appartamenti kollha sar f'daqqa u mhux f'perjodi differenti. Lanqas ma kien minnu li x-xogħol kien maqsum. Fis-26 ta' Lulju 2017, fuq talba tal-attur, David Camenzuli ħallas erbat elef Ewro (€4,000) li kien ħlas parzjali. Kuntrarju għal dak li ntqal, Calleja għamel total ta' tlett ġimgħat xogħol fil-proprjetàjiet tiegħu u ta' ħuh.

Skont David Camenzuli, ma kienx minnu li l-*bricks* kellhom jimtlew mill-attur, li lanqas għamel konkos fl-opramorta. Il-Perit Darren Sciberras kien infurmahom li x-xogħol tal-madum fuq l-opramorta ma kienx skont l-arti u s-sengħa. Fil-fatt, dan il-madum kellu jinqala' u jerġa' jitqiegħed minn terzi. Ikkonfrontat b'dan, l-attur iddeċieda li jnaqqas ftit mill-prezz u mbagħad waslu għal bilanċ ta' ħamest elef u seba' mija u ħamsin Ewro (€5,750). Dan l-ammont ġie mħallas minn David Camenzuli. Finalment, intqal li Joseph Camenzuli m'għandu xejn x'jaqsam mal-ftehim relattiv u m'għandu ebda proprjetà f'Malta.

Il-kontenut tal-affidavut tal-konvenut Daniel Camenzuli essenzjalment jirrepeti dak li ntqal minn David Camenzuli.

Joseph Camenzuli ippreżenta affidavit li permezz tiegħu qal ċar li l-inkarigu ngħata minn David Camenzuli u qal li m'għandu ebda proprjetà f'Malta. Mill-bqija, il-kontenut tal-affidavit tiegħu jixbaħ l-affidavits ta' David Camenzuli u Daniel Camenzuli.

Christina Camenzuli ippreżentat affidavit bil-lingwa Ingliża u fih essenzjalment qalet dak li qalu l-membri l-oħra tal-familja Camenzuli.

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2019, sar il-kontro-eżami tal-attur. Fil-kontro-eżami, ix-xhud l-ewwel qal li x-xogħol relattiv sar bejn Lulju u Awwissu tal-2017 u ftit wara, qal li x-xogħol sar fl-istess xhur iżda fis-sena 2018. Mistoqsi ma' min kien sar il-ftehim relattiv, speċjalment dwar ir-rata, ix-xhud l-ewwel qal li ċempillu Joe Camenzuli biex jiltaqgħu fuq il-post imbagħad qal li l-ftehim dwar ir-rata sar ma' David Camenzuli. Madankollu, ix-xhud ikkonferma r-rata ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru iżda qal li dik ir-rata kienet tgħodd għat-tqegħid biss. Ix-xhud qal ukoll li b'referenza għal drabi oħra fejn xehed li ma kienx hemm ftehim, huwa kien qiegħed jirreferi għax-xogħol li sar fl-opramorta tal-bejt.

Ix-xhud kompla jgħid fil-kontro-eżami li l-*lift* ma kienx jitla' sa fuq il-bejt, għall-inqas sakemm dam jaħdem fir-*roof garden* huwa stess. Huwa irrefera l-ewwel għar-rata ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru iżda b'referenza għal xogħol ieħor li ma kienx dwar tqegħid ta' madum, qal li dak it-tip ta' xogħol ma setax jiġi ikkalkulat bil-metraġġ iżda b'rata oħra, bħal forsi rata ġjornaliera. Iżda hu f'ebda punt ma qal lill-appaltatur dwar il-bidla fil-kalkolu tar-rata għax dawn qatt ma staqsewh. Fl-aħħar, huwa qal li x-xogħol fuq l-opramorta ħadlu għaxart ijiem u jumejn u nofs fi Triq Ross. L-attur xehed ukoll li l-firma li tinsab fol. 39 tal-proċess hija tiegħu.

Fl-istess udjenza, ix-xhud xehed in ri-eżami. Hawn ix-xhud reġa' qal li r-rata ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru kien tapplika għal-pavimentar u qal li xogħol ieħor ma kellhom ebda rata miftiehma għax sar jaf bihom meta kien diġà beda jaħdem.

Fl-istess udjenza sar ukoll il-kontro-eżami ta' Daniel Camenzuli. Dan xehed li saret laqgħa waħda fejn ġie miftiehem li r-rata tax-xogħol tkun ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru, inkluż il-materjal. Tul din il-laqgħa, ġie diskuss ix-xogħol kollu, kemm dak li jirrigwarda pavimentar kif ukoll xogħol ieħor. Rigward xogħlijiet oħrajn, ix-xhud qal li kien nesa jinkludi x-xogħol fuq tlett kmamar tal-banju fl-affidavit tiegħu. Camenzuli spjega s-sekwenza tax-xogħlijiet u rigward il-materjal, qal li l-materjal kien jinġieb tul ix-xogħlijiet ("*ongoing*"). Ix-xhud ikkontenda li ladarba kienu huma l-appaltaturi, li xtraw il-materjal, kien inġust li jintalab prezz ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru inkluż il-materjal. Camenzuli hawn xehed li kellu jinxtara l-materjal minnhom għax ma kienx hemm biżżejjed materjal. Lanqas ma saru diskussjonijiet dwar ġarr tal-materjal u l-attur lanqas talab depożitu. Rigward l-istima tal-Perit Sciberras, intqal li fl-ewwel laqgħa l-perit ma kienx preżenti. Camenzuli ikkuntattjah fi stadju ulterjuri sabiex jiċċekkja l-pavimentar. Dwar il-kwistjoni tal-*lift*, ix-xhud qal li sa Ġunju 2017, dan kien jaħdem sewwa. Rigward ir-riċevuta a fol. 39, Daniel Camenzuli ikkonferma li din kienet ġiet iffirmata fil-preżenza tiegħu fl-appartament ta' ħuh David fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2017.

Iktar tard fl-istess udjenza tal-11 ta' Marzu 2019 sar il-kontro-eżami ta' David Camenzuli. Dwar ir-rata tax-xogħol u x-xogħlijiet li saru, dwar ir-riċevuta a fol. 39 u dwar min kien preżenti fil-mument tal-ħlas u tal-iffirmar tar-riċevuta, huwa ikkonferma kompletament dak li kien xehed Daniel Camenzuli.

Fl-udjenza tal-10 ta' April 2019 xehed Joseph Camenzuli li mill-ewwel ċaħad li kien hu li inkariga lill-attur u qal li anzi, hu kien jgħin lit-tfal tiegħu li kienu huma li inkarigaw lill-attur. Dwar ir-rata u x-xogħlijiet relattivi, Joseph Camenzuli ikkonferma dak li xehdu t-tfal tiegħu. Joseph Camenzuli ċaħad dak li kien qal l-attur dwar l-appartament fi Triq Ross, jiġifieri li l-attur kien telaq minn idejh

sabiex imur jaħdem b'urġenza fl-appartament fi Triq Ross stante li dan kien għall-kiri. Dwar pagamenti li saru, ix-xhud qabel li sar pagament ta' erbat elef Ewro u pagament ieħor li jikkorrispondi mal-ammont indikat a fol. 39. Inoltre, ix-xhud ippreċiża li ma kienx hu li ħallas, iżda ibnu.

Rigward il-*lift*, ix-xhud qal li dan kien funzjonabbli iżda billi kien għadu ġdid fjamant, riedu jipproteġuh u ma tantx kienu jużawh.

Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2019 xehed Jimmy Casha in kontro-eżami. Huwa xehed dwar il-mili ta' xi *bricks*, dwar xogħol fuq madum u opramorti u dwar jekk kienx hemm *skylights* fil-binja ta' Daniel Camenzuli u David Camenzuli.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

*i.* *<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti</u>*

Il-konvenuti eċċepew li Joseph Camenzuli ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u għalhekk, kellu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Frankie Refalo nomine vs. Jason Azzopardi et</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001) intqal hekk:

> "*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istessnegozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Din is-sentenza ġiet ikkwotata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***<u>Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd</u>*** (deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009).

Fis-sentenza ***<u>Focal Maritime Services Company Limited vs. Top Hat Company Limited</u>***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April 2008, intqal hekk:

> "*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-kreazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop*

*tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. Naturalment, l-aċċertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bażi tal-petitum u, ċjoe, tar-riużltat persegwit fil-ġudizzju mill-attur bit-talba tiegħu.*"

Fis-sentenza ***Francis Gilford vs. Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru 2009), intqal hekk:

> "*In linea ġenerali hu sew magħruf il-prinċipju illi presuppost neċessarju għall-leġittimazzjoni proċesswali u għall-kontestazzjoni ta' azzjoni hu determint fuq l-istregwa tat-talba li tkun proposta.*
>
> *Mhux il-każ li din il-Qorti tinoltra ruħha aktar milli dovut fuq il-punt hawn eżaminat jekk mhux biex tikkonkludi b'riassunt illi:-*
>
> *1. Ir-rapport proċesswali bl-appell propost ma huwiex regolament instawrat għaliex il-persuni ċitati ma kellhomx ikunu s-soġġetti li kontra tagħhom l-appell kellu jiġi dirett;*
>
> *2. Isegwi li l-impunjattiva tad-deċiżjoni tal-Kunsill predett hi inammissibbli fil-konfront ta' dawk l-istess soġġetti għaliex, ope legis, din l-istess impunjattiva kellha unikament tiġi proposta fil-kontradittorju tal-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni;*
>
> *3. La dan ta' l-aħħar ma ġiex hekk ċitat, teżisti f'dan il-każ vjolazzjoni tal-kontradittorju li ma tistax tissewwa, anke għaliex, kif saput, is-sejħa tiegħu fil-ġudizzju mhix permissibbli fl-istadju ta' appell. Ara, fost oħrajn, "Giuseppe Giordmaina -vs- CarmeloGiordmaina", Appell Inferjuri, 1 ta' Marzu, 1941*"

Għalhekk, għall-fini tal-eċċezzjoni mressqa f'din l-azzjoni, it-Tribunal irid jeżamina jekk hemmx in-ness rikjest sabiex Joseph Camenzuli jitqies bħala parti materjali fin-negozju. Id-domanda li trid titwieġeb hija jekk din l-azzjoni tistax tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' Joseph Camenzuli.

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda tal-attur a fol. 11 meta dan xehed "*Ix-xogħol qabbadni nagħmlu Joe Camenzuli.*" Iżda mbagħad l-attur kompla jixhed dwar il-preżenza ta' Joe Camenzuli u <u>mhux</u> dwar jekk kienx dan l-istess persuna li inkarigah. Fix-xhieda tiegħu a fol. 12 u 13, l-attur jerġa' jirrepeti li Joseph Camenzuli <u>kien preżenti</u>. Partikolarment fil-bidu tax-xhieda a fol. 12, l-attur qal: "*Fir-rigward tal-kwistjoni fuq min qabbadni nagħmel ix-xogħol li tiegħu qed nitlob il-ħlas f'din il-kawża ngħid li kienu l-konvenuti Joseph Camenzuli u ibnu Daniel Camenzuli li kienu ltaqgħu miegħi fiżikament, urewni x-xogħol li riduni nagħmel u jien aċċettajt u b'hekk ħadt l-inkarigu mingħandhom.*"

Filwaqt li fit-23 ta' Ottubru 2018 l-attur qal li ħa l-inkarigu mingħand Joseph Camenzuli, fis-7 ta' Novembru 2018 biddel il-verżjoni u qal li ħa l-inkarigu mingħand Joseph Camenzuli u mingħand ibnu.

Mario Calleja, ħu l-attur, xehed (fol. 14) li "*dan il-ftehim mill-familja Camenzuli sar ma' ħija Joseph Calleja.*" Issa l-attur, permezz tax-xhieda ta' ħuh, jerġa' jwessa' u jgħid li l-ftehim sar mal-familja Camenzuli kollha!

Fil-kontro-eżami (fol. 55), Joseph Calleja xehed hekk: "*Mela bħala rata mbagħad ftehemt mat-tifel li qbilna t-tnejn fuq dik ir-rata.*" Wara fit, Calleja xehed hekk: "*Ir-rata tat-tile laying li għamilt lit-tifel – lil David*". Dimentikat għal mument il-kwistjoni dwar jekk ġietx miftiehma rata jew le, it-Tribunal josserva li din hija ammissjoni min-naħa tal-attur li fil-fatt, il-ftehim sar <u>mhux</u> ma' Joseph

Camenzuli iżda ma' xi wieħed minn uliedu. Oltre qbil dwar ix-xogħol li għandu jsir, parti ċentralissima ta' kuntratt tal-appalt hija dik il-parti li tirrigwarda l-ħlas mill-appaltatur lill-appaltant. Skont l-attur stess, Joseph Camenzuli ma kienx involut f'dik il-parti tal-ftehim. Il-fatt li Joseph Camenzuli kien jaf x'kienet ir-rata tal-ħlas ma jfissirx li hu kien b'xi mod intimament involut fiha.

L-involviment ta' Joseph Camenzuli, kif jifhem it-Tribunal, kien involviment sorveljattiv. Il-fatt li huwa kien jaf bix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u l-fatt li kien jaf jiddeċiedi x-xogħol ma jfissirx li kien hu li qabbad lill-attur. Joseph Camenzuli kien iktar qisu *manager* li ħa ħsieb l-affarijiet għal uliedu. M'hemmx provi li jikkonvinċu lit-Tribunal li Joseph Camenzuli kien effettivament inkariga lill-attur u b'hekk inizja rapport ġuridiku.

Għalhekk, it-Tribunal jilqa' l-ewwel eċċezzjoni u jillibera lil Joseph Camenzuli mill-osservanza tal-ġudizzju.

*ii.* *Il-mertu*

L-attur qiegħed jitlob is-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) bħala prezz ta' xogħlijiet. Qabel xejn, it-Tribunal josserva li f'ebda punt ma ġie spjegat kif l-attur wasal għal din is-somma. Għalkemm il-kwistjoni tar-rata u l-kwistjoni ta' kemm saru ġranet ta' xogħol f'postijiet diversi ġew dibattuti, ma kien hemm ebda punt fejn l-attur spjega ċar il-kalkoli matematiċi li wassluh għal dak l-ammont. L-attur qatt ma spjega li kien hemm rata partikolari li meta immultiplikata b'numru ta' ġranet jew sigħat jew metri kwadri, tirriżulta fl-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200).

Ix-xhieda tal-attur hija kompletament nieqsa anki minn ħjiel dwar kif seta' ġie ikkalkulat l-ammont mitlub. Fix-xhieda tiegħu a fol. 11, l-attur xehed li x-xogħol ħa tnax-il ġurnata u nofs u ftit wara, qal li ma ġiet miftiehma ebda rata minn qabel. Hawn, ix-xhud kellu opportunità eċċellenti sabiex jiċċara u jippreċiża l-verżjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

It-Tribunal ikompli josserva li huwa f'ebda punt ma irrefera għall-ammont ta' ħamest elef u seba' mija u ħamsin Ewro (€5,750) li skont id-dokument a fol. 39, huwa kien irċieva għas-saldu ta' xogħlijiet minnu magħmulin. Meta xehed in kontro-eżami (fol. 61), l-attur ma ċaħadx, anzi ikkonferma li l-firma fuq id-dokument kienet tiegħu. L-attur naqas ukoll li jispjega kif u għaliex iffirma riċevuta li kellha l-kliem "*as full and final payment*" meta kif jidher minn din il-kawża, huwa ippretenda iktar flus. Dan huwa fatali għat-talba tal-attur.

F'ebda punt l-attur ma xehed li per eżempju, huwa kien b'xi mod imġiegħel jiffirma d-dokument a fol. 39. Lanqas qal, per eżempju, li l-firma ma kinitx tiegħu jew forsi ipprovda xi raġuni għaliex iffirmaha. It-Tribunal, għalhekk, qiegħed jintalab jemmen li l-ammont mitlub huwa dovut lill-attur wara li hu kien iffirma dokument li jgħid li huwa kien qiegħed jaċċetta l-ammont ta' ħamest elef u seba' mija u ħamsin Ewro (€5,750) "*as full and final payment*".

It-Tribunal jara li jkun pertinenti li jikkummenta fuq il-kredibilità tal-attur u fuq il-kawża kif proposta.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Gaetano Micallef vs. Martha Micallef*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 2019), intqal hekk:

> "*Illi l-konflitt fil-provi hu haga li l-qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn,*

*f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. [PA Farrugia vs Farrugia, deciza 24 ta' Novembru, 1966]*"

Kien ikun aħjar kieku l-Avviż tat-Talba ipprovda mqar indikazzjoni tax-xogħlijiet li għalihom intalab il-ħlas relattiv minflok jgħid sempliċement li l-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro kien qiegħed jintalab għal "*diversi xogħlijiet*". It-Tribunal jippretendi li attur isostni l-pretensjonijiet tiegħu billi jgħid, f'ordni kronoloġiku ċar, x'kien ix-xogħol li huwa ġie inkarigat li jagħmel, jekk hemm bżonn, b'lista *itemised*, u l-ħlas li kien qiegħed jippretendi għal kull biċċa xogħol jew għall-inkarigu b'mod sħiħ.

Fil-kontro-eżami (fol. 55 *et seq.*), l-attur l-ewwel xehed li x-xogħlijiet saru fis-sajf tal-2017 imma mbagħad, meta magħfus mill-avukat tal-konvenuti, qal li x-xogħlijiet saru fl-2018. Il-verżjoni tal-attur ma tantx tingħata għajnuna minn din l-impreċiżjoni li mhijiex dwar xi dettal insinifikanti, iżda dwar iż-żmien li fih saru x-xogħlijiet mertu ta' din il-kawża. Dan oltre l-inkonsistenzi li diġà ġew indikati fil-konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal rigward l-ewwel eċċezzjoni.

Kien biss fi stadju pjuttost inoltrat (fol. 56 u 57) li l-attur donnu ħass il-bżonn li jiċċara għal liema rati u xogħlijiet kien qiegħed jirreferi. Qari tat-traskrizzjonijiet relattivi juri ċar li dan kollu ma tantx jagħti saħħa lit-teżi tal-attur.

Dwar il-kwistjoni sħiħa tar-rata tax-xogħol, jidher li sakemm ix-xogħlijiet kienu għat-tqegħid tal-madum, ir-rata kienet ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru. Għal xogħlijiet oħrajn, l-attur xehed li ma setgħetx tiġi iffissata rata stante li kien hemm diversi tipi ta' xogħol involuti, bħal tlugħ u nżul, taħlit ta' siment, ġarr ta' materjal 'l hawn u 'l hemm, u affarijiet bħal dawn.

Dwar dan, l-attur xehed hekk (fol. 60):

| | |
|---|---|
| "*Dr Valentina Lattughi:* | *Jekk huwa minnu dak li qed tghid inti ma hassejtx il-htiega li f' dan l-istess perjodu tghid isma' mela jiena kont qed nahdem bir-rata ta' 15 Euro u issa li qed naghmel dan ix-xoghol mhux qed inhossni komdu bir-rata ta' 15; ma hassejtx il-htiega li tghidilhom li r-rata ser toghla?* |
| *Ix-Xhud:* | *Ismaghni lili ..* |
| *Dr Valentina Lattughi:* | *Le mhux…, ipprova irrispondi.* |
| *Ix-Xhud:* | *Ha nirrispondik; mela r-rata ta' 15 Euros huwa bhal ma diga` spjegajtlek hija ir-rata tal-pavamentar ta' dak ix-xoghol li kien jirrikjedi ghax kien kbir, qed tifhimni? Issa r-rata l-ohra li kienet differenti hija li inti l-hin li qed tahli qed tikkalkulaha bhala rata ta' gurnata. Ma tistax tikkalkula r-rata….* |
| *Dr Valentina Lattughi:* | *Iva imma inti, inti, ghedtilhom isma' ha nieqaf hawn, mela jiena qed nara li ghandi hafna xoghol hawn, tajjeb?, skont inti; ir-rata ha nibda naghmilha minflok 15 euro per square meter ha nibda naghmilha bir-rata tal-gurnata. Ghedtilhom dan?* |
| *Ix-Xhud:* | *Le ma ghedtilhomx, huma qatt ma staqsewni dawn l-affarijiet.* |

*Dr Valentina Lattughi:* *Eh huma kellhom jistaqsuk.*"

Il-Perit Lino Cachia, prodott mill-attur, ippreżenta dokument (fol. 23) fejn qal li normalment, ir-rata ġjornaliera tat-tip ta' xogħol relatat mal-kostruzzjoni kienet ta' €105.00 kuljum (mingħajr *VAT*). Skont Cachia, xogħlijiet iktar speċifiċi li kienu jirrikjedu *skilled workers* u mhux *labourers*tvarja bejn €125.00 kuljum u €160.00 kuljum abbażi ta' ġurnata ta' tmien sigħat xogħol. Din ix-xhieda, iżda, isservi biex tkompli tħawwad l-affarijiet iktar milli tiċċarahom, għax importanti jiġi mfakkar li l-attur dejjem saħaq li l-unika rata miftiehma kienet ta' ħmistax-il Ewro għal kull metru kwadru. Għal xogħlijiet li ma setgħux jitkejlu bil-metraġġ (kif aċċetta l-attur stess), l-attur donnu ippretenda *carte blanche* sabiex jitlob flus kemm irid.

Jemerġu iktar inkonsistenzi meta wieħed iqabbel ix-xhieda tal-attur max-xhieda ta' ħuh, Mario Calleja (partikolarment a fol. 26 u 27). Il-parti saljenti tax-xhieda hija riprodotta hawn taħt:

"*Dr Valentina Lattughi:* *Inti kemm ghamilt bhala xoghol? Bhala granet, hin, tiftakar?*

*Xhud:* *Ghamilt jumejn u nofs fl-appartament tas-Sur Camenzuli, u 12-il gurnata u nofs fl-appartamenti l-ohrajn.*

*Dr Valentina Lattughi:* *Tnax-il gurnata u nofs?*

*Xhud:* *Le, mhux tnax-il gurnata; tnejn u ghoxrin (22) gurnata.*

*Dr Valentina Lattughi:* *22 gurnata?*

*Xhud:* *Tnejn u ghoxrin*

*Dr Valentina Lattughi:* *Mela hu pacenzja…*

*Xhud:* *Le ghax hadt zball jien; ghadirini, ghandi lil ommi l-isptar qed tmut bhal issa.*

*Dr Valentina Lattughi:* *Jiddispjacini. Mela trid terga' tghidli l-granet?*

*Xhud:* *Tnejn u ghoxrin (22) gurnata.*

*Dr Valentina Lattughi:* *B' kollox.*

*Xhud:* *U jumejn u nofs qabel.*

*Dr Valentina Lattughi:* *Mela jumejn u nofs qabel u 22 gurnata wkoll. Issa fuq il-postijiet tas-sinjuri Camenzuli inti kont mort per ezempju f' 2017 u imbaghad 2018 jew kont mort darba f' daqqa – fl-istess perjodu?*

*Xhud:* *Le f' daqqa; f' daqqa, fl-istess…*

*Dr Valentina Lattughi:* *Fl-istess perjodu.*"

Jidher ċar hawn li għall-ewwel, Mario Calleja qal li x-xogħol ħa tnax-il ġurnata u nofs iżda mbagħad iċċara u anzi, insista, li x-xogħol ħa tnejn u għoxrin ġurnata. Min-naħa l-oħra, l-attur xehed (fol. 11) li x-xogħol ħa tnax-il ġurnata u nofs. Din m'hix diskrepanza ta' siegħa jew tnejn, jew forsi ġurnata jew tnejn, iżda diskrepanza ta' kważi għaxart ijiem. L-attur u ħuh, li skont ix-

xhieda tagħhom stess, huma persuni li jaqilgħu ħobżhom minn xogħol bħal dan, huma mistennija jkollhom rendikont jew għall-anqas, jiftakru kemm damu jaħdmu f'post partikolari relattivament għal inkarigu partikolari.

Barra minn hekk, b'diskrepanza daqshekk kbira, fuq liema ammont ta' żmien mexa l-attur meta għamel il-kalkoli tiegħu sabiex jasal għall-ammont mitlub?

It-Tribunal jirreferi issa għax-xhieda tal-konvenuti oltre dak diġà ittrattat fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.

Ix-xhieda prinċipali mressqa mill-konvenuti kienet imressqa permezz ta' affidavits li fil-kontenut tagħhom kienu prattikament uniformi. Dan il-kontenut ġie deskritt fid-dettal iktar kmieni f'din is-sentenza. Għalkemm l-uniformità ma tistax tittieħed bħala garanzija ta' veraċità, it-Tribunal seta' josserva b'mod partikolari li fil-kontro-eżami, l-aħwa Camenzuli u missierhom ipprovdew spjegazzjonijiet li kienu jagħmlu sens u li kienu jaqblu bejniethom. Ma jidher li hemm ebda kontradizzjoni fix-xhieda kollha mressqa minnhom.

It-Tribunal qiegħed jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' ċarezza min-naħa tal-attur dwar kif u għaliex l-ammont reklamat huwa allegatament dovut kif ukoll il-fatt li l-provi mressqa mill-attur fihom numru ta' kontradizzjonijiet kif spjegat. Prinċipali fost dan kollu hemm il-fatt li l-attur ma spjegax kif u għaliex dan l-ammont huwa dovut fid-dawl tal-fatt li huwa kien iffirma u aċċetta d-dokument misjub a fol. 39.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, it-Tribunal ma jinsabx konvint li t-talba tal-attur hija ben spjegata u ippruvata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u b'hekk jillibera lil Joseph Camenzuli mill-osservanza tal-ġudizzju u billi jiċħad it-talba tal-attur.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**